MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Numru. 423/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Radwan Hijazi**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Radwan Hijazi ta’ 18-il sena, iben Radwan sive Rdowan u Moira nee` Cassar, imwieled Pieta` nhar it-28 ta’ Gunju 1993, residenti Sun Blossom, Flat 4, Triq Angelo Melilli, Zebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0288793(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-1 ta’ Mejju 2012 u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat;

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta’ Awwissu 2011:

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fit-2 ta’ Gunju 2012 u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data:

3. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. nhar l-1 ta’ Frar 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll illi jidher illi miexi fit-triq it-tajba. Dwar dan il-Qorti semghet lill-Ufficjal tal-*Probation* waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2013 u rat ukoll ir-Rapport tal-istess Ufficjal tal-*Probation* dwar l-andament tal-imputat u dan fir-rigward ta' sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta, fl-24 ta' April 2013, permezz ta' liema sentenza huwa inghata Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tliet snin. Ghalkemm il-Qorti m'hija xejn kuntenta dwar il-fatt illi l-imputat qieghed jirrifjuta illi jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni fi hdan wahda mill-Agenziji li jahdmu kontra l-abbuz tad-droga, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-istess imputat jidher li ghamel passi ta' ggant u kambjament kbir u qed juri progress notevoli.

F'dawn ic-cirkustanzi, il-Qorti ma tqisx illi jkun idoneu li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva u mil-banda l-ohra, stante li diga` qieghed jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*, permezz ta' zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti – wahda fl-24 ta' Jannar 2012 u l-ohra fl-24 ta' April 2013 – bl-ahhar wahda twassal sal-24 ta' April 2016, lanqas ma jidhrilha illi ghandu jinghata Ordni ta' *Probation* ohra. L-imputat ghandu jifhem ukoll illi jrid ihallas il-konsegwenzi ghall-ghemil tieghu u ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti thoss illi piena ta' multa tkun wahda izjed idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 22/1985, kif ukoll l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **piena ta' multa ta' seba' mitt Euro (€700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena li <u>prezentement</u> qieghed jiskonta. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi dawn gew irtirati, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument MB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------